



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 18 ta' Ġunju 2018
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0189 (COD)

10070/18
ADD 1

CODEC 1050
JUSTCIV 150
EJUSTICE 79
ECOFIN 617
COMPET 450
EMPL 325

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jissostitwixxi l-Annessi A u B għar-Regolament (UE) 2015/848 dwar proċedimenti ta' insolvenza (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv - Dikjarazzjoni

Dikjarazzjoni mis-Slovenja

Ir-Repubblika tas-Slovenja topponi l-inklużjoni tal-Liġi għall-Amministrazzjoni Straordinarja ta' Kumpaniji b'Importanza Sistemika għar-Repubblika tal-Kroazja (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-Liġi għall-AS) fl-Annessi A u B għar-Regolament (UE) 2015/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar proċedimenti ta' insolvenza.

Fl-14 ta' Marzu 2018, il-Qorti Suprema tar-Repubblika tas-Slovenja ddikjarat li l-Liġi għall-AS tikser l-ordni pubbliku.

F'dak li għandu x'jaqsam man-notifika tal-Liġi għall-AS tqum il-kwistjoni dwar jekk huwiex possibbli li jiġu inklużi fir-Regolament liġi li tikser il-prinċipji fundamentali tad-dritt ċivili, il-liġi dwar l-insolvenza u d-dritt tal-UE inġenerali. Il-Liġi għall-AS hija espressjoni ta' intervenzjoniżmu tal-istat jew ta' protezzjoniżmu ekonomiku, peress li hija maħsuba biex issalva kumpanija li għandha importanza eċċezzjonali għall-ekonomija Kroata minħabba d-daqs tagħha. Għalhekk tista' tiġi kkontestata mill-aspett ta' kooperazzjoni sinċiera bejn l-Istati Membri kif ukoll mill-aspetti tar-regoli tas-suq intern. Il-Liġi għall-AS tikser il-prinċipju fundamentali tat-trattament ugwali tal-kredituri u tfittex il-konċentrazzjoni, mhux il-koordinazzjoni tal-proċedimenti f'każijiet ta' insolvenza. Ikollna nenfasizzaw ukoll ir-rwol dominanti tal-istat fil-ħatra ta' kummissarju straordinarju u l-inesistenza ta' rimedju legali effettiv għall-kredituri kontra deċiżjoni biex jinbdew proċedimenti ta' insolvenza.

Ir-Repubblika tas-Slovenja ppreżentat l-argumenti kollha fid-dokument WK 4276/2018.

Barra minn hekk, ir-Repubblika tas-Slovenja tappella lill-Kummissjoni biex proposti futuri għal notifika jiġu verifikati aktar bir-reqqa; b'mod partikolari, kwalunkwe konsegwenza negattiva possibbli għall-funzjonament tas-suq intern jenħtieġ li tiġi vvalutata.
